KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGHAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAD-DISA' LEĠISLATURA - LAQGHA NUMRU 31

L-ewwel u tlettin seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar it-Tlieta 25 ta' Mejju 2021 fis-6pm. Il-laqgha saret ġewwa s-sala.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Graziella Attard Previ | Vici Sindku |
| | Anton Debono | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | David Soler | Kunsillier |
| | Ilona Fenech | Kunsilliera |
| | Emanuel Borg | Kunsilliera |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | Wallace Vella Baldacchino | Kunsillier |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | Vivien Galea Pace | Kunsilliera |
| **ASSENTI** | n/a | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda fis-18.13:*

*31.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;*
*31.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 29 u 30;*
*31.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;*
*31.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;*
*31.5 Rapporti;*
*31.6 Aġġornament dwar bye-laws*
*31.7 Inċident li sar fl-2017 'Ix-Xatt quddiem Nazzarenu' kif ukoll żewġ claims oħra*
*31.8 Items Oħra*
*31.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati;*
*31.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti ;*
*31.11 Mozzjonijiet*
*31.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

## 31.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

31.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-kunsillier E.Borg bagħat illi jista jkun illi ma jattendix għal din il-laqgħa. Il-kunsilliera V.Galea Pace ġiet skużata mil-laqgħa minħabba raġunijiet personali. Il-kunsillier awgurawha fejqan ta' malajr.

## 31.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 29 U 30

31.2.1 Il-kunsillier D.Soler ippropona li l-Minuti jiġu approvati. Il-kunsilliera I.Fenech issekondat l-proposta. Il-minuti ġew approvati unanimant. *Minuti nru 29*

31.2.2 Fuq punt 29.6.2 il-kunsillier J.Pillow qal hemm bzonn naraw il-garanzija fuq il-grates ta' triq Dingli.

**Għal ħabta ta 18:25 il-kunsilliera Pierre Paul Portelli u Emmanuel Borg waslu.**

31.2.3 B'referenza għal punt 29.3.2 Is-Sindku qal illi l-Ecowardens qegħdin jaħdmu sew u jemmen illi għandna nkomplu bihom. Il-kunsillier D.Soler qal illi ltaqa mad-Data Protection Office fejn ikkonfermaw illi kameras ma jistgħux jiru d-djar tan-nies
Il-kunsillier P.Radmilli qal illi kien hemm laqgħa organizzata mill-AKL li spiċċat ma saritx izda intbagħtet il-presentazzjoni tagħha. Issuġerixxa li l-kunsilliera kollha jaqrawha u għandom isibu l-informazzjoni kollu hemm.

**Il-Viċi Sindku daħlet għal ħabta tas-18:30.**

31.2.4 B'referenza għal proġett dwar il-monument ta' Ċensu Apap, is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Periti tas-kuntrattur bagħat Method Statement.

31.2.5 B'referenza għal punt 29.3.5 is-Sindku qal illi hemm calmers illi jsiru bit-tarmakk u ssuġerixxa li dawk il-pedestrian crossings li diġa ġew approvati jsiru b'tali mod.

**Il-kunsillier D.Muscat daħal fis-18:35**

31.2.6 B'referenza għal punt 29.3.6 il-kunsillier J.Pillow qal illi siġar mejtin għadom max-Xatt. Il-kunsillier P.Radmilli qal illi fil-fehma tiegħu ma jistax jifhem għalfejn hemm min jiddejjaq bis-siġar taż-żebbuġ illi hemm l-area ta' Taormina izda jemmen illi aħjar ma jsirux jekk mhux se jintgħoġbu.

31.2.7 B'referenza għal punt 29.4.2 ġie deċiż illi jsiru t-tabelli 'Share the Road' għal darb'oħra waqt illi l-kunsillier għandom jagħtu l-informzaajoni kif se mmexxu bl-idea biex parti mill-Promenade tintuża għal joggers.

31.2.8 Il-kunsillier J.Pillow talab illi jkun hemm informazzjoni jekk saret il-pagament ghax-xogħol ħazin li ghamel il kuntrattur fuq il manholes li hemm fis-soft area ta' triq it-Torri.

31.2.9 Il-kunsillier E.Borg ippropona li l-Minuti tal-laqgħa urġenti [seduta numru 30] jiġu approvati. Il-kunsillier A.Debono issekonda l-proposta. Il-minuti ġew approvati unaniment.

## 31.3 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

31.3.1 Is-Sindku qal illi l-problema bil-ħammiem tkompli tirsisti waqt ilil nibqgħu nistennew direttivi mill-Gvern Ċentrali. Kien hemm suġġeriment li nieħdu ħsieb power-washing tal-areas kollha fejn ikun hemm il-ħmieġ illi talli suġġeriment kien hemm qbil fuqha. Il- *Ħammiem*

kunsillier J.Pillow qal illi ftit wara li nagħmlu power-washing l-areas se jintlew darb'oħra. Is-Sindku qal illi minħabba l-gravita tas-sitwazzjoni wasalna għall-punt fejn ma nistgħux nistennew għat-tenders u hemm bzonn tittieħed azzjoni immedjata. Fuq suġġeriment oħra li jsiru tabelli ġodda f'diversi partijiet tal-lokalita, il-kunsillier J.Pillow qal illi fil-fehma tiegħu ħafna nies se jridu talli tabelli fit-toroq tagħhom, li se toħloq problemi oħra għalina 'il quddiem.

Il-kunsillier K.Wain staqsa jekk hemm penali għal min jinqabad jitma l-ħammiem fejn ġie nformat dwar l-Avviż Legali li teżisti.

Wara diskussjoni twil kien hemm qbil illi l-bye-law tal-Kunsill tiġi emendata sabiex il-penali jiżdiedu sal-massimu possibli.

Fuq dan il-punt il-kunsillier P.Radmilli qal illi hemm ammont ta' nies ilil ma jafux illi m'għandna l-ebda dritt nagħmlu culling u għalhekk isuġerixxa li tintbagħat ittra lil Kummissarju Dwar il-Ħarsien tal-annimali sabiex naraw jekk din il-liġi qegħda *in vigore* u nitfaw ir-risposta għad-disponnibilta tal-pubbliku. Kien hemm qbil.

Il-kunsillier D.Muscat fakkar illi l-Gvern kien sema li se jieħdu ħsieb b'forma ta' ikel apposta li ma tħallihomx jipproduċu izda l-kunsillier P.Radmilli fakkar illi din ilha li ssemmiet snin ilu.

31.3.2 Is-Sindku qal hemm grupp ta' voluntiera li jixtiequ jneħħu l-ilma li tidħol fix-xelter ta' Dingli Circus izda biex juzaw pompa hemm bzonn ta' supply ta' elettriku. Il-Kunsill qabel mall-proposta biex isir applikazzjoni għal arloġġ tad-dawl

## 31.4 TWEĠĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET

31.4.1 Il-kunsillier P.P.Portelli qal illi f'laqgħa preċedenti l-kunsillier A.Debono kien staqsa għal stima għall fustun u hu ġabar stima f'isem il-Parroċċa ta' Stella Maris. Qal illi l-istima titla għal €2,800 biex jaghmlu fustun minn Square Deal sa Tigne. Il kunsillier J.Pillow qal li jaqbilna nitkellmu mall-MTA sabiex dawn isiru f'isimhom.

Is-Seg. Eż fakkar illi mistoqsijiet għandom jaslu għand il-Kunsill qabel il-laqgħa u m'għanomx jitħaltu ma *items oħra.*

31.4.2 Il-kunsilliera I.Fenech semmiet il-problema tal-ispeeding li jkun

hemm mall-Promenade. Is-Sindku qal illi konna fil-proċess illi nlestu press-statement mall-pulizija izda fakkar illi bħala infurzar aħna niddependu fuq il-pulziija, TM u LESA.

**31.5 Rapporti**

31.5.1 Il-kunsillier J.Pillow qal ill wara li saret il-laqgħa mall-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart, ma rċevejna l-ebda updates jew informazzjoni li tlabna u beda diskussjoni sabiex il-Kunsill jiddeċiedi jekk se tittieħed azzjoni kontriħ.
Ittieħdet deċiżjoni biex toħroġ default notice u jekk ma nirċievu xejn f'perjodu ta' ġimagħtejn għandna noħorġu ittra uffiċjali.

31.5.2 Is-Sindku qal illi fil-fehma tiegħu hemm titjib fis-servizz tat-tindif tat-toroq. Il-kunsillier K.Wain qal illi waslet għandu lment mingħand resident ta' triq Kurunell Savona dwar l-istat tat-triq u li ma jidhrux il-kenniesa. Is-Sindku qal illi f'din it-triq partikolari qed isir xogħol ta' eskavar u hu l-kuntrattur li għandu jiknes u jara li jzomm l-indafa, u mhux il-kennies. Il-kunsillier J.Pillow qal ukoll illi dik l-area hija waħda privata u għandna nressqu l-ilment lil sid it-triq. Is-Sindku qal illi se nibagħtu emajl lil min qed jaħdem fl-inħawi wkoll.

31.5.3 Il-kunsillier J.Pillow qal illi jixtieq jara rapporti simili għas-soft areas li dawn qatt ma intbagħtu.

**31.6 Aġġornament dwar il-Bye-laws**

31.6.1 Il-kunsillier P.Radmilli qal illi bħala P.R morna tajjeb ħafna fejn għarafna n-nies dwar il-tlett bye-laws illi ġew ippublikati. Ħass illi issa n-nies fehmu aħjar dak ilil xtaqna aħna. Issa qal hemm bzonn jittieħdu deċiżjonijiet fuqhom:

31.6.2 Posta mhux mitluba: Kienu saru diskussjonijiet sabiex nagħmlu sticker u talab l approvazzjoni għall-kliem [intbagħtet emajl] li se jintużaw fuqha. Qal illi fil fehma tiegħu għandna nagħmlu kuntatt mall-kumpaniji li jagħmlu dan it-tip ta' posta biex nispjegaw il-liġi peress illi bħalissa, huma l ħaddiema li jieħdu l multa Is Sindku qal illi għandna wkoll ngħarrfu lil LESA. Il-Viċi Sindku staqsiet jekk wieħed jista jitfa Junk Mail jekk ma jkunx hemm sticker, fejn wieħed ma jkunx qed jikser il-liġi jekk ma jkunx hemm sticker. Izda għall-ebda raġuni ma jistaw iħalli karti mall-ġenb.

31.6.3 Il-kunsillier P.P.Portelli qal illi kien hemm izjed minn 19,000 views fuq il-P.R li sar fuq dawn il-bye-laws.

31.6.4 Dwar il-kabini s-Sindku qal illi wieħed mill-operaturi huwa kontra l-proposti tant hu veru li qajjem ħafna pandemonju. Staqsa jekk dan għandu l-opportunita li jwaqqaf il-bye-laws fl-istatus kurrenti tagħhom.
Is-Seg. Eż fakkar illi l-Bye-laws ġew iffirmati mill-Ministru. Il-kunsillier P.Radmilli qal illi aħna rridu naraw id-designated areas u fejn se jkunu l-50 metri bejn waħda u l-oħra. Żied illi hu favur illi jkunu kolla fejn xulxin fiż-żona tax-Xatt biex kulħadd ikun f'post vantaġġjat izda issa sta għall-Kunsill biex nidħlu fid-dettalji.
Il-kunsillier P.Radmilli qal illi l-bye-law tgħid illi biex joperaw fil-konfini tagħna, għandom juru permess tal-TM u anka waħda tal-Planning. Min m'għandux mhux se jkun jista japplika għal permess.
Dwar triq it-Torri u jekk għandom jingħataw permessi hemm, il-kunsillier P.Radmilli fakkar illi huwa l-Kunsill illi għandu d-dritt jiddentifika l-areas fejn dawn jistgħu jsiru.

31.6.5 Stabbilimenti tal-Ikel: Bil-bye-law dawn għandom jipprovdu ash-tray. Il-kunsillier J.Pillow qal illi din m'għandix tapplika għall-istabbilimenti tal-ikel biss għalhiex huma diġa jkollom ma kull mejda. Il-kunsillier P.Radmilli qal illi dejjem tista ssir emmenda tal-liġi. Bil-liġi issa l-istabbilimenti għandom inaddfu warajhom Wara diskussjoni dwar kif se nagħmlu kuntatt mall-istabbilimenti kollha, is-Sindku qal illi l-GRTU jkollom sezzjoni għalihom, u għandna nsibu kuntatt ta' in jieħu ħsieb sezzjoni oħra, u għanda ssiru kommunikazzjoni magħhom sabiex nistabbilixxu 'point of contact'.
Il kunsillier P.Radmilli qal illi meta dawn jagħmlu l-ashtrays, għandna ngħidulhom biex jibagħtu ritratt u ngħidu grazzi b'mod pubbliku, fejn fl-istess ħin din tintuża bħala promozzjoni tal-ħsieb, ideja simili għal dik illi ħadmet kontra l-użu ta' single use plastic'.

31.6.6 Il kunsillier K.Wain qal illi reġa kien hemm ammont ta' ilmenti rigward parties illi qed isiru fuq il-blatt, kif ukoll il-ħmieġ illi jitħalla. Qal illi kien kellem ma pulizija li ssuġerixxa li ssir bye law fuqha. Il kunsillier P.Radmilli qal illi din diġa ġiet diskussa laqgħa wara l-oħra u kien hemm ftehim li l-kunsillier Wain jikkoordina laqgħa bejn min hu interessat sabiex nistudjaw il-bye-law li idaħħlet fil-Gżira. Dwal l-infurzar il-kunsillier P.Radmilli qal illi l-Pulizija

għandhom biżżejjed liġijiet li jirregolaw l-ordni pubbliku, u l-Legal Notices li nħarġu mill-Ministeru tas-Saħħa, biex jieħu azzjoni u jimmultaw. Il-kunsillier P.P.Portelli issuġerixxa li jkun hemm Community group li jduru l-bajjiet u javzaw lin-nies biex jimxu mal-liġi waqt illi jiddevertu.

## 31.7 Inċident li sar fl-2017 'Ix-Xatt quddiem Nazzarenu' kif ukoll żewġ 'claims' oħra

31.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċieva talba mingħand il-Viċi Sindku biex tiġi diskussa issue dwar inċident li seħħiet erba' snin ilu fejn mara weġġhet u soffriet minħabba din l-episodju. Qal illi qara l-korrespondenza kollha fil-file fejn din il-persuna qalet illi qatt ma rċeviet lura mill-Kunsill meta fil-fatt ittra reġistrata waslet għand ir-riċevitur fl-10 ta' Ottubru 2017.
Il-kunsillier P.Radmilli qal illi għandna naraw mall-avukat jekk hemm ċans illi nitilfu l-każ u nimxu minn hemm. Din il-prattika għanda tapplika għal kull inċident. Qal ukoll illi huwa importanti li l-avukat juża kliem prudenti fil-korrespondenza. Ġie deċiż illi l-avukat, qabel ma jikkorisponda mall-avukati, għandu janaliza l-każ, x'ċans illi li nirbħu/nitilfu, u nieħdu deċiżjoni skont il-parir.

31.7.2 Is-Sindku qal illi hemm 2 inċidenti oħra li jixtieq jiddiskuti li mhumiex każijiet gravi daqs l-oħra. L-ewwel waħda qal illi tikkonsisti fuq inċident fejn wieħed ġarab ħsarat mat tyres minħabba pothole, fejn talli pothole kienet hemm la kien hemm 'fault' fil-pipes tal-ilma taħt, izda WSC ma ħadu l-ebda responsabbilta. Il-persuna għamlet kif suppost u ġabret l-informazzjoni kollha li tlabna.
Is-Seg. Eż fakkar illi f'laqgħa preċedenti diġa ttieħed deċiżjoni li wieħed iġib affidavit peress illi l-ebda rapport tal-pulizija ma turi provi li l-ħsarat saru fejn qed jintqal u almenu b'hekk jieħdu ġurament. Il-kunsillier P.Radmilli qal illi xorta jemmen illi kull każ għanda tasal quddiem il-Kunsill u għandna nirċievu rakkomandazzjoni tal-avukat.

**Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għaddew tlett siegħat. Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa titkompla.**

31.7.3 Is-Sindku qal ukoll illi waslet għandu lment mingħand resident anzjan illi minħabba xogħolijiet illi kienu għaddejjin minn triq Viani,

kisser in-nuċċali u rċevejna talba għall-kumpens għal valur ta' madwar €400. Qal illi fil-fehma tiegħu għanda nirrevedu Il-affarijiet skont it-tip ta' każ. Spjega li minn naħa tiegħu, dik tat-tyres, la hemm id-dokumenti, għandna nagħduha izda l-kunsillier P.Radmilli qal illi l-avukzat għandu jistudjaha sew, per eżempju jara kif faqqa naħa meta suppost saq fuq il-pothole minn naħa l-oħra, eċċ. Il-kunsillier J.Pillow qal illi importanti naraw jekk il-krejn ħadem bil-permess, jew skont il-permess u hux nieħdu t-tort aħna. Wara diskussjoni twila kien hemm qbil illi l-avukat jibda jkun preżenti fil-laqgħat sabiex jagħti informazzjoni dwar il-każijiet, kif ukoll illi nimxu bl-idea tal-affidavit.

**31.8 Items Oħra;**

31.8.1 Il-Viċi Sindku staqsiet jekk bħala Kunsill nidħlu f'każijiet ta' 'encroachment'. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rapporti għandom imorru għand l-MTA, il-pulizija u anka d-dipartiment legali tad-DLG. Il-kunsillier J.Pillow qa illi l-MTA issa qegħdin jagħtu ċertu permessi minħabba l-COVID.

Il-Viċi semmiet li Surfside ħarġu imwejjed fuq il-Promenade. Il-kunsillier J.Pillow qal illi għandom imwejjed fuq il-blatt izda dawn m'huma qegħdin jiddejqu lil ħadd u l-MTA qegħdin japprovaw dawn it-talbiet. Kien hemm qbil illi nibagħtu talbu sabiex jitneħħew l-imwejjed fuq il-Promenade, ħaġa li għanda tapplika għal kull min jagħmel hekk.

31.8.2 Kien hemm dibattitu fuq l-iskips li hemm mall-Promenade fejn Il-kunsillier D.Soler qal illi għandna nġorru t-tort peress illi ma ttieħħiedx azzjoni fuqhom. Is-Sindku fakkar lil dawk kollha preżenti fuq dak illi ġara meta tneħħew l-iskips fil-passat, fejn kull stabbiliment ġab van u bdew iwaddbu l-iskart f'din il-vettura. Qal illi jekk tingħalaq bieb se jiftħu oħra u importanti li l-kunsilliera li qegħdin jgħidu li ma sar xejn jiġu bi proposti konkreti. Wara diskussjoni ġie deċiż illi tintbagħat ittra lil LESA li l-Kunsill jixtieq illi dawn l-iskips jitneħħew kollha izda s-Sindku qal illi kulħadd għandu jkun jaf illi dawn ma jitneħħewx mill-Kunsill. Qal fl-ebda ħin m'hu se jiddefendi għalfejn hemm l-iskips izda qiegħed jitkellem dwar dak illi hu prattiku u ma jislax jifhem kif qed jintqal illi ma sar xejn.

Is-Sindku qal illi jekk se titlaq skip, se jkollom jitneħħew kollha, u mhux jitpoġġew post differenti.

Il-kunsillier P.Radmilli qal illi fil-bye-law hemm stipulata li ma

jaqalawx multa għax għandom skip, izda jekk ngħidulhom għandom jitneħħew u ma jieħdux azzjoni. B'hekk ġie deċiż illi ntuhom 'warning' sa meta għandom ineħħu l-iskips.

31.8.3 Il-kunsillier K.Wain qal illi mhux suppost klieb jitħallew bla ċinga imma jixtieq jagħmel talba sabiex in-nies jiġu eżentati minn din ir-regola għa sagħtejn kuljum biex iħallu l-klieb jiġru. Intqal illi din hija liġi nazzjonali u ħadd m'hu estiż mil-liġi

31.8.4 Il-kunsillier D.Soler staqsa jekk wardens jistaw imorru jinfurzaw meta qegħdin isiru BBQ's mall-bajjiet. Is-Sindku fakkar illi l-LESA issaq hija aġenzija nazzjonali imma nistaw inkellmuhom.

31.8.5 Il-kunsillier P.P.Portelli fakkar illi fis-16 ta' Ġunju se titqassam il-fuljett u fiha se jkun hemm supplement ta' Sliema Wanderers illi se jdaħħlu f'kull fuljett.

31.8.6 Il-kunsillier P.P.Portelli qal illi iltaqa mall-aħħar diretturi ta' Sliema Arts Festival u jista jkun hemm fondi minn naħa tal-Malta Arts Council. Huwa possibli li din isir fis-sena 2022, fejn se jkun hemm madwar €60,000, fejn €8,000 huma tal-Arts Council, u aħna rridu naraw kemm għandna nallokaw bħala Kunsill. Qal, fejn edizzjonijiet preċedenti, konna nħallsu madwar €10,000 sa €15,000, fejn konna nieħdu l-istess ammont mingħand sponsors u madwar €25,000 mill MTA. Qal illi hemm bzonn kumitat b'enerġija fejn hemm bzonn kwalita ta' nies u mhux kwantita. Qegħdin nistennew x'tip ta' fondi se nirċievu.

31.8.7 Is-Sindku qal illi rċevejna stedina għal Bialystok bejn l-24 u s-27 ta' Ġunju fejn bħala Kunsill aħna nħallsu biss il-flights. Min hu interessat għandu jibgħat sat-8 ta' Ġunju.

31.8.8 Il-kunsillier A.Debono qal illi l-bandisti ta' Soċjeta Filarmonika Sliema u Ballutta se jagħmlu 2 kunċerti bejniethom li se jidhru fuq facebook fil-ġranet tal-festi rispettivi tagħhom, bħala alternattiva la mhux se jsiru il-festi Saret talba għal €300 Il-Kunsill qabel unaniment.

31.8.9 Il-kunsillier D.Muscat qal illi hemm ċerti toroq fejn karozzi jipparkjaw fuq il-bankina u hemm minnhom bil-linji u residenti qegħdin jaqalaw multi. Is-Seg. Eż qal illi t-TM ma jagħtu l-ebda dritt biex wieħed jipparkja fuq il-bankina. Il-kunsillier D.Muscat qal

illi jekk mhumiex bil-permess aħjar jitneħħew.

31.8.10 Il-kunsillier P.Radmilli qajjem il-punt dwar l-ARMS fejn qal illi għandna nagħmlu claim legali fuq dawn il-kontijiet. Is-Sindku qal illi s-CEO kien qalu li l-issue li għandna mhix kwistjoni tagħhom. Ġie deċiż illi tintbagħat ittra bl-avukat li se nħallsu minn meta ġiet trasferita kull kont u dawk preskritti m'aħniex ser inħallsuhom. Dawk illi ma ġewx f'idejna, m'aħniex se nħallsu għalihom. Wara għanda tintbagħat ittra bl-avukat u formola ta' 'change of owner' lil Lands sabiex dawk il-meters kollha li ġew trasferiti fuqna jiġu trasferiti lil Lands peress illi l-art pubblika qatt ma ġiet devoluta lilna.

**31.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitati u'jew Sotto Kumitati**

31.9.1 Il-kunsillier P.Radmilli qal illi hemm fund tal-LESA li għanda tintuza sal-aħħar ta' Awwissu u hemm €6,600 disponnibli għalina. Issuġerixxa li dawn jintużaw għall-power-washes fejn hemm il-ħmieġ tal-ħamiem, kif ukoll biex titneħħa riħa fejn ikun hemm il-ħmieġ tal-klieb, jew proposta oħra hi li nużaw dinl-iskema għal CCTV. Kien hemm qbil unanlmu fuq l-użu ta' powerwashes.

31 9 2 Fuq l-istess fond il-kunsillier P Radmilli qal illi ttieħdu ammont sostanzjali biex jitħallsu l-pagı tal-President u tas-S F tar-Reġjun u ma selax jifhem ir-raġuni għalfejn. Is-Sindku qal illi dak iz-zmien ir-Reġjuni ma kellomx allokazzjoni u b'hekk dawn il-pagi ittieħdu minn hemm. Il-kunsillier P.Radmilli ħa nota tar-risposta avolja jħoss illi la kien hemm flus, il-pagi xorta ttieħdu u tajjeb illi fondi allokati għall-kunsilli jintużaw mill-kunsilli għall-proġetti tagħhom.

31 9 3 Il-kunsilliera P Radmilli fakkar illi hemm fond illi se tingħalaq fl-aħħar tax-xahar fejn il-Kunsill kien approva l-manutenzjoni ta' diversi funtani madwar il-lokalita. Is-Seg. Eż qal illi wassalna biex nagħlquha dın ızda għaraf ıllı wasalna fl-aħħar arranġamonti mall FTZD ghal MoU biox nhallushom ghar riżorsi tagħhom biex isir tindif u manutenzjoni ta dawn il-funtani. Qal il prezz qed tiġi diskussa f'laqgħa tal-FTZD lejn l-aħħar tax-xahar. Kien hemm approvazzjoni blex lmexxu.

31.9.4 Fondi tal-Planning: Hemm proġett ta' Sacro Cuor li għandom

kollox kif suppost u anka permess tal-Planning. Sfortunatament meta din l-applikazzjoni għall-fondi waslet quddiem il-Bord tal-UDF, ġiet irrifjutata peress illi fil-preżent hemm kwistjoni bejn il-PA u l-Curia li għanda tiġi rranġata b'MoU bejniethom. Il-PA huma lesti jieħdu deċiżjoni finali meta din l-MoU tiġi ffirmata. Il-kunsillier P.Radmilli qal illi inizjalment konna għamilna laqgħat mall-PA fuq din peress illi fondi ma kienux għal xogħolijiet fil-parti ta' ġewwa ta' knejjes, izda zuntieri kienu eliġibbli. Il-kunsillier P.Radmilli ppropona li ssir laqgħa bejn rappreżentanti tal-Kunsill, rappreżentatni tas-Sacro Cuor, kif ikoll il-Curia, sabiex nagħmlu pressjoni biex jintlaħaq ftehim fuq l-MoU għalhiex jekk ma jintlaħaqx ftehim, il-proġett taz-zuntier ma jkunx jista jibbenefika mill-fondi tad-DPF.
Il-kunsillier A.Debono ssuġerixxa li mmexxu bl-applikazzjoni u jekk neħlu fuq l-MoU naraw illi l-Curia jiċċaqalqu minn naħa tagħhom.

31.9.5 Dwar in-niċċeċ intqal illi BOV talbu l-ID cards ta' kull sid tal-post fejn hemm l-istatwi, izda għal xi raġuni issa qegħdin jitolbu provi li kull sid huwa mall-BOV. Din ma tagħmilnx sens peress illi l-garanziji se jinzammu mill-kont tal-Kunsill u mhux minn tagħhom, izda hija policy tal-bank.

31.9.6 Il-kunsillier P.Radmilli qal illi hemm ukoll ir-rapport tal-laqgħa li saret f'April għall-kumitat tal-fondi fejn xtaq jinforma lill-Kunsill illi se nagħlqu applikazzjoni oħra ta' SGS Norwegian Funds fejn qegħdin nappllkaw għal €100,000 biex nibdew skema ta' Community Gardening ġewwa Ġnien Independenza, kif ukoll biex isir lift ħalli jkun hemm aċċess għal kulħadd. Kien hemm qbil bejn il-kunsilliera kollha.

31.9.7 Il-kunsillier P.Radmilli fakkar illi t-Teatru Salesjan kienu applikaw għall-proġett ta' DPF fejn għamlu talba ġustifikabbli ta' €94,000. Għal xi raġuni, minn wara daharna, saret laqgħa mall-P.A u intbagħtet applikazzjoni oħra li tammonta għal €1,600,000 fejn xorta nidhru bħala Joint Applicants. Ittieħed deċiżjoni li ssir laqgħa magħhom biex niċċarraw l affarijiet izda aħna se nagħmlu tajjeb għall-applikazzjoni biss jekk tibqa dik tal-BOQ inizjali.

31.9.8 Il-kunsillier P.Radmilli qal illi wara li intbagħtet il-variation form irċevejna l-ammont ta' €17,338.06, għall-ammont totali ta' €65,364.36. Is-Seg. Eż qal illi skont il-P.A ma konniex eleġibbli għal ċerti spejjez u qegħdin nistennew informazzjoni mill-PA fil-

preżent biex inkunu nafu liema items kienu estiżi.

**31.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

31.10.1 Il-kunsillier E.Borg ppropona li l-pagamenti jiġu aċċettati. Il-kunsillier D.Muscat ssekondah.

**31.11 Mozzjonjiet;**

31.11.1 Ma kien hemm ebda mozzjoni

**31.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

31.12.1 Is-Seduta ntemmet fil-23.25. Seduta oħra ġiet imsejħa nhar l-Erbgħa 23 ta' Ġunju 2021.

Minuti approvati llum nhar l-Erbgħa 23 ta' Ġunju 2021

| | |
|---|---|
| (IFFIRMATA) | (IFFIRMATA) |
| **Anthony Chircop** | **Anthony Attard** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |